



BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

MISTOQSIJET U TWEĠIBIET GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA FUQ L-ABBOZZ TAR-REGOLAMENT QAFAS TAL- BĊE DWAR IL-MSU

1 META SE JIBDA JISSORVELJA L-BANEK IL-BĊE?

Il-BĊE se jieħu f'idejha ir-responsabbiltà għas-superviżjoni fl-4 ta' Novembru 2014. Skont ir-[Regolament MSU](#)¹, l-Unjoni Ewropea tikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tistabilixxi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). Il-MSU huwa sistema għas-superviżjoni bankarja, magħmula mill-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali fil-pajjiżi parteċipanti. Filwaqt li l-BĊE se jeżerċita superviżjoni fuq banek importanti u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq banek inqas importanti, il-BĊE se jkun responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-MSU. Ir-Regolament MSU daħal fis-seħħ fit-3 ta' Novembru 2013.

2 X'INHU L-ABBOZZ TAR-REGOLAMENT QAFAS U GĦALIEX HUWA MEĦTIEĠ? GĦAL MIN SE JAPPLIKA?

Ir-Regolament MSU jitlob espressament li l-BĊE jadotta u jippubblika qafas biex jiġi spjegat kif se jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi ħdan il-MSU. Il-BĊE, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għalhekk ħejja dan l-abbozz ta' Regolament Qafas li jiddefinixxi l-proċeduri li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jinkludi dispożizzjonijiet li japplikaw direttament għall-banek. Skont ir-Regolament MSU, l-abbozz tar-Regolament Qafas għandu jintbagħat għall-konsultazzjoni pubblika qabel il-pubblikazzjoni tal-verżjoni finali sal-4 ta' Mejju 2014.

¹ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

3 SE JKUN HEMM REGOLI OĦRA DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-MSU?

L-abbozz tar-Regolament Qafas fih regoli dwar il-funzjonament tal-MSU li jirrigwardaw, fost affarijiet oħra, il-prinċipji u l-organizzazzjoni tal-MSU, il-metodu biex jiġi deċiż jekk bank huwiex importanti, il-proċeduri separati għas-superviżjoni ta' banek importanti u inqas importanti u l-proċeduri komuni li japplikaw għat-tnejn, il-proċeduri li japplikaw għall-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jiddeċiedu li jingħaqdu fil-MSU, penalitajiet amministrattivi u dispożizzjonijiet tranżitorji.

Regoli oħra importanti se jiġu inklużi f'atti legali separati (i.e. l-abbozz tar-Regolament tal-BĊE dwar drittijiet superviżorji, ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Superviżorju, l-emendi għar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE, ir-regoli interni dwar is-segretezza professjonali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-kompiti tal-politika monetarja u dawk superviżorji).

4 LIEMA BANEK SE JIĠU SSORVELJATI MILL-BĊE?

Il-BĊE se jissorvelja direttament il-banek importanti fil-pajjiżi parteċipanti. Id-distinzjoni bejn banek importanti u inqas importanti ġejja mid-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li l-BĊE se jkun responsabbli għas-superviżjoni tas-settur bankarju f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-banek importanti se jinkludu madwar 130 grupp bankarju, li jirrappreżentaw kważi 85% tal-assi bankarji totali fiż-żona tal-euro. Il-kriterji biex tiġi ddeterminata l-importanza tagħhom qegħdin jiġu spjegati hawn taħt.

Filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jeżerċitaw superviżjoni diretta fuq il-banek l-oħrajn kollha fil-pajjiżi parteċipanti, il-BĊE se jkun responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-MSU. Il-BĊE jista' jiddeċiedi wkoll li jissorvelja direttament banek inqas importanti, meta jqis li dan ikun meħtieġ, sabiex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji għoljin.

5 X'INHU LI JAGĦMEL BANK IMPORTANTI?

Il-BĊE se jevalwa l-banek kollha fil-pajjiżi parteċipanti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont il-metodoloġija stabbilita fl-abbozz tar-Regolament Qafas. Jekk bank jitqiesx importanti jiddependi minn: (i) il-valur totali tal-assi tagħha, (ii) l-importanza tagħha għall-ekonomija tal-pajjiż fejn tinsab jew għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, (iii) l-importanza tal-attivitajiet transkonfinali tagħha, (iv) jekk tkunx talbet jew ħadet assistenza

finanzjarja pubblika mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) jew il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), u (v) jekk hijiex wieħed mit-tliet banek l-aktar importanti fil-pajjiż partikolari. Bank li jissodisfa għall-inqas wieħed minn dawn il-ħames kriterji jiġi identifikat bħala importanti.

6 META SE JSIRU JAFU L-ISTATUS TAGĦHOM IL-BANEK? X'JIĠRI JEKK L-ISTATUS TAGĦHOM JINBIDEL?

Il-BĊE se jiddeċiedi liema banek huma importanti u se jgħarraf lill-banek ikkonċernati mill-anqas xahrejn qabel ma jieħu f'idejha għalkollox il-kompiti superviżorji prudenzjali (ara l-Mistoqsija 1 aktar 'il fuq). Il-banek se jkollhom l-opportunità jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom qabel ma l-BĊE jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

Il-banek importanti li se jiġu ssorveljati direttament mill-BĊE se jitniżżlu fil-websajt tal-BĊE. Il-BĊE se jippubblika wkoll lista ta' banek inqas importanti u jispeċifika liema awtorità nazzjonali kompetenti se tissorveljahom. Iż-żewġ listi se jiġu aġġornati regolarmet u tal-inqas darba kull trimestru.

Id-deċiżjonijiet biex bank jiġi kklassifikat bħala importanti jew anqas importanti huma suġġetti għal reviżjoni kull sena. Jekk bank importanti ma jissodisfax għall-inqas wieħed mill-kriterji ta' importanza għal tliet snin tal-kalendarju wara xulxin, ir-responsabbiltà għas-superviżjoni diretta tiegħu tgħaddi għand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti; jekk bank inqas importanti jissodisfa għall-inqas wieħed mill-kriterji ta' importanza, jibda jitqies bħala importanti. Il-bidla fis-superviżjoni tista' sseħħ f'fażi aktar bikrija f'ċirkostanzi eċċezzjonali, i.e. jekk il-bank ma jkunx se jissodisfa b'mod evidenti għall-inqas wieħed mill-kriterji ta' importanza (pereżempju, jekk il-volum tal-assi totali tiegħu jinżel taħt il-limitu minħabba l-bejgħ ta' xi fergħa kbira ta' negozju).

7 KIF SE JIKKOOPERAW IL-BĊE U L-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI BIEX IWETTQU L-KOMPITI TAGĦHOM?

Il-MSU huwa sistema integrata magħmula mill-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għal ċerti kompiti, il-BĊE għandu sehem fis-superviżjoni ta' banek inqas importanti u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom sehem fis-superviżjoni ta' banek importanti (ara l-Mistoqsija 8 aktar 'il isfel). Il-kooperazzjoni bla xkiel bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għalhekk hija ta' importanza kbira għall-funzjonament effettiv tal-MSU. L-abbozz tar-Regolament Qafas jirreferi għal "dmir ta' kooperazzjoni bil-bonafidi" u jobbliga lill-BĊE u

lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom. Mod wieħed biex titkattar din il-kooperazzjoni fis-superviżjoni ta' banek importanti huwa li jiġu stabbiliti timijiet superviżorji konġunti (ara l-Mistoqsija 10 aktar 'l isfel). Meta jwettaq il-kompiti prudenzjali tiegħu, il-BĊE għandu l-jedd ukoll li jagħti istruzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jużaw is-setgħat tagħhom (skont il-liġijiet nazzjonali rilevanti) u biex jieħdu azzjoni jekk il-BĊE jkollu komputu superviżorju mingħajr is-setgħa marbuta miegħu. Sura oħra ta' kooperazzjoni se tkun l-iskambju u s-sekondar ta' membri tal-istaff bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

8 X'SEHM SE JKOLLHOM L-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI FIS-SUPERVIŻJONI TA' BANEK IMPORTANTI? X'INHUMA L-KOMPITI U S-SETGĦAT TAL-BĊE FIR-RIGWARD TA' BANEK INQAS IMPORTANTI?

Il-BĊE se jissorvelja direttament il-banek importanti iżda l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti xorta se jkunu involuti. Minħabba l-esperjenza kbira li għandhom fis-superviżjoni u l-qrubija lokali tagħhom mal-banek, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jassistu lill-BĊE fit-tweġiq tal-kompiti superviżorji tiegħu. Se jipprovdu abbozzi ta' deċiżjonijiet fl-oqsma tal-kompetenza superviżorja tal-BĊE, jgħinu fit-tweġiq ta' kompiti superviżorji oħra (bħas-superviżjoni ta' kuljum dwar is-sitwazzjoni tar-riskju tal-banek, l-ittestjar xieraq ta' membri tal-bord ta' tmexxija u attivitajiet oħra ta' verifika), jieħdu sehem b'mod attiv fit-timijiet superviżorji konġunti u jassistu lill-BĊE fil-proċeduri tal-infurzar.

Il-BĊE se jissorvelja l-funzjonament tal-MSU u se jwettaq xi kompiti superviżorji fir-rigward ta' banek inqas importanti (ara l-Mistoqsija 9). Il-BĊE jista' wkoll jeżerċita s-setgħat superviżorji tiegħu fuq banek inqas importanti (i.e. jitlob tagħrif u jagħmel investigazzjonijiet u spezzjonijiet fil-post). Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jżommu lill-BĊE mgħarraf fir-rigward tas-superviżjoni tagħhom ta' banek inqas importanti (skont kriterji ġenerali ddeterminati mill-BĊE li jqisu s-sitwazzjoni tar-riskju tal-bank u l-impatt tagħha fuq is-sistema finanzjarja domestika) l-aktar fejn jidħlu proċeduri superviżorji materjali u abbozzi ta' deċiżjonijiet superviżorji. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma obbligati wkoll jgħarrfu lill-BĊE b'kull deterjorament rapidu u importanti fil-qagħda finanzjarja ta' bank inqas importanti. Barra dan, il-BĊE se jkollu l-jedd joħroġ regolamenti, linji gwida jew istruzzjonijiet ġenerali lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jista' jieħu f'idejh is-superviżjoni diretta ta'

bank jew banek inqas importanti jekk iqis li dan ikun meħtieġ biex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji għoljin.

Ir-Regolament MSU u l-abbozz tar-Regolament Qafas ma jaffettwawx il-kompiti superviżorji li ma jidħlux fl-ambitu tar-Regolament MSU. Kompiti bħall-ħarsien tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus għalhekk se jibqgħu fir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali.

9 LIEMA AWTORITÀ SE TAWTORIZZA BANEK ĠODDA?

Il-BĊE huwa l-awtorità kompetenti għall-awtorizzazzjoni, it-tneħħija tal-awtorizzazzjoni u l-evalwazzjoni tal-akkwist ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti (proċeduri komuni) għall-istituzzjonijiet kollha ta' kreditu. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jassistu wkoll lill-BĊE fil-proċeduri komuni billi jirċievu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u l-akkwist tal-partiċipazzjonijiet kwalifikanti, u billi jħejju abbozzi ta' deċiżjonijiet jew proposti rispettivament, ibbażati fuq l-ewwel evalwazzjoni tagħhom tal-applikazzjoni skont il-liġijiet nazzjonali. Jekk awtorità nazzjonali kompetenti ssib li l-applikazzjoni ma tkunx konformi mal-liġijiet nazzjonali, hija tirrifjuta l-applikazzjoni u tgħarraf lill-BĊE. Il-BĊE mhuwiex marbut mal-proposti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti iżda jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-evalwazzjoni tiegħu tal-applikazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

10 X'INHUMA T-TIMIJIET SUPERVIŻORJI KONGŪNTI?

It-timijiet superviżorji kongūnti huma l-unitajiet operattivi fi ħdan il-MSU li se jkunu inkarigati mis-superviżjoni ta' kul jum ta' banek importanti u se jkunu waħda mis-suriet ewlenin ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE. Għal kull bank importanti, se jiġi ffurmat tim ta' membri tal-istaff tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti fis-superviżjoni ta' dak il-bank u membri tal-istaff tal-BĊE; it-tim se jkun ikkoordinat mill-BĊE bl-assistenza ta' subkoordinatur minn kull awtorità nazzjonali kompetenti. Il-kompiti ewlenin tat-timijiet superviżorji kongūnti se jkunu li jwettqu analiżi tar-riskji tal-entità jew grupp taħt sorveljanza u jipproponu l-programm superviżorju u l-azzjonijiet superviżorji xierqa.

It-timijiet superviżorji kongūnti se jieħdu ħsieb ukoll il-koordinazzjoni tat-timijiet li jwettqu l-ispezzjonijiet fil-post.

11 X'INHUMA L-KOMPITI MAKROPRUDENZJALI TAL-BĊE?

Il-BĊE jista' japplika rekwiżiti aktar għoljin għall-bafers tal-kapital minn dawk applikati mill-awtoritajiet nazzjonali u japplika miżuri iktar ibsin biex jindirizza r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali fil-livell tal-banek, sakemm dan ikun kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jqis is-sistema finanzjarja, il-qagħda ekonomika u l-kundizzjonijiet taċ-ċiklu tan-negożju fl-ambjent domestiku.

Jekk il-BĊE jqis li jkun meħtieġ jiġu applikati rekwiżiti aktar għoljin għall-bafers jew jieħu miżuri iktar ibsin biex jindirizza r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali, għandu jaġixxi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-pajjiżi kkonċernati u jinnotifika l-miżuri li jkun biħsiebu jieħu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti qabel ma jieħu deċiżjoni.

L-istess, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jieħdu miżuri makroprudenzjali skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem.

12 KIF SE JITTIEĦDU D-DEĊIŻJONIJIET SUPERVIŻORJI?

Il-BĊE se jikkonforma mal-prinċipji tal-garanzija proċedurali u t-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' deċiżjonijiet superviżorji mikroprudenzjali. Kwalunkwe bank suġġett għal proċedura superviżorja se jkollu l-jeddijiet proċedurali speċifiċi li japplikaw fil-proċeduri amministrattivi. Bank jista' jitlob li tinbeda proċedura superviżorja min-naħa tal-BĊE u jista' jaħtar rappreżentant għal dik il-proċedura. L-abbozz tar-Regolament Qafas jipprovdi regoli dettaljati dwar l-użu ta' evidenza, is-smiġħ ta' xhieda u esperti u b'mod speċjali l-jedd tal-bank li jinstema' qabel ma l-BĊE jadotta deċiżjoni superviżorja li taffettwa direttament u negattivament il-jeddijiet tal-bank.

Sabiex jiġi rrispettat il-jedd ta' difiża tal-bank, il-bank se jkollu aċċess għall-fajl tal-BĊE wara li tinfetaħ proċedura superviżorja (aċċess limitat bl-obbligi ta' kunfidenzjalità). Id-deċiżjonijiet superviżorji se jiġu spjegati b'mod ċar.

Bank jista' jitlob lill-Bord Amministrattiv Reviżorju tal-BĊE jirrevedi kwalunkwe deċiżjoni superviżorja li tkun ġiet adottata mill-BĊE fi proċedura superviżorja. Il-bank jista' jiddeċiedi wkoll li jappella d-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

13 B'LIEMA LINGWA SE JIKKOMUNIKA MAL-BANEK U MAL-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI L-BĊE?

Il-banek għandhom il-jedd jużaw il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-komunikazzjonijiet u l-proċeduri mal-BĊE. Minħabba l-ħin meħtieġ għat-traduzzjoni u sabiex jiġu żgurati komunikazzjonijiet diretti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jaqblu wkoll li jikkomunikaw bl-Ingliż mal-BĊE.

Il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jikkomunikaw bl-Ingliż.

14 X'SETGĦAT TA' SANZJONI GĦANDU L-BĊE? DAWN IKOPRU WKOLL IL-BANEK INQAS IMPORTANTI SORVELJATI?

Kemm il-BĊE kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jkollhom is-setgħa jimponu penalitajiet amministrattivi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Jekk il-ksur ikollu x'jaqsam ma' liġi tal-Unjoni Ewropea li tista' tiġi applikata direttament (e.g. ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital/[CRR](#))², il-BĊE jista' jibda proċedura ta' ksur kontra banek importanti, filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibdew proċedura bħal din kontra banek inqas importanti. Jekk il-ksur ikollu x'jaqsam mal-liġijiet nazzjonali (e.g. liġi li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital/CRD IV), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biss jistgħu jimponu penalitajiet amministrattivi fuq il-banek (kemm importanti kif ukoll inqas importanti). Madankollu, fir-rigward tas-superviżjoni ta' entitajiet importanti, għall-kompiti konferiti lill-BĊE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jistgħux jibdew proċedura ta' sanzjoni jekk mhux fuq istruzzjonijiet tal-BĊE. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma wkoll kompetenti b'mod esklużiv biex jimponu penalitajiet amministrattivi mhux pekunjari jew biex jissuġġettaw persuna fiżika (e.g. membru tal-bord ta' bank) għal proċedura ta' ksur. Jekk il-ksur ikollu x'jaqsam ma' regolament jew deċiżjoni tal-BĊE, il-BĊE huwa kompetenti b'mod esklużiv biex jibda proċedura ta' ksur fir-rigward kemm ta' banek importanti kif ukoll ta' banek inqas importanti (fil-każ tal-aħħar sakemm regolament jew deċiżjoni tal-BĊE jkunu japplikaw għalihom u jimponu obbligi *vis-à-vis* l-BĊE, e.g. l-abbozz ta' Regolament dwar id-drittijiet superviżorji).

Fi ħdan il-BĊE, entità investigattiva indipendenti tmexxi l-investigazzjonijiet u, jekk ikun jixraq, tipproponi lill-Bord Superviżorju li tiġi imposta penalià fuq il-bank partikolari. Il-Bord

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Superviżorju jieħu d-deċiżjoni finali li jaċċetta jew jirrifjuta l-proposta mressqa mill-entità investigattiva.

15 B'LIEMA MOD L-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI SE JSERVU TA' "PUNTI TA' DĦUL" GĦAL XI NOTIFIKI MIN-NAĦA TAL-BANEK?

Il-liġi rilevanti tal-Unjoni Ewropea, u b'mod speċjali d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital/[CRD IV](#)³, tipprovdi għal xi notifiċi min-naħa tal-banek lill-awtorità kompetenti (e.g. il-jedd li jistabbilixxi jew il-libertà li jipprovdi servizzi, l-evalwazzjoni ta' kemm huma adattati membri tal-korpi amministrattivi).

Kwalunkwe bank issorveljat li jixtieq jistabbilixxi fergħa jew jipprovdi servizzi f'pajjiż ieħor parteċipanti fil-MSU għandu jgħarraf lill-awtorità domestika bl-intenzjoni tiegħu. Fi ħdan il-MSU, banek importanti u inqas importanti li jkollhom il-ħsieb jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom f'pajjiż parteċipanti ieħor għandhom jibagħtu dawn in-notifiċi lill-awtorità nazzjonali kompetenti. Jekk bank importanti jkollu l-ħsieb jeżerċita l-attivitajiet tiegħu barra l-MSU, għandu jibgħat in-notifiċi lill-BĊE filwaqt li banek inqas importanti għandhom jgħarrafu lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti.

Biex il-bank jeżerċita l-jedd li jistabbilixxi jew il-libertà li jipprovdi servizzi, l-awtorità domestika tiegħu trid tibgħat in-notifiċa u xi tagħrif ieħor lill-awtorità ospitanti. Awtoritajiet Ewropej barra l-MSU għandhom jibagħtu n-notifiċa lill-awtorità nazzjonali kompetenti ospitanti, li għandha d-dmir tgħarraf lill-BĊE minnufih meta tirċeviha.

Din il-kwistjoni tal-punt ta' dħul ma taffettwax l-allokazzjoni tal-kompiti fi ħdan il-MSU bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif hemm speċifikat fl-abbozz tar-Regolament Qafas.

16 KIF SE JIĠU TTRATTATI MIN-NAĦA TAL-MSU L-PROCĊEDURI SUPERVIŻORJI PENDENTI LI JINSABU QUDDIEM L-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI U D-DEĊIŻJONIJIET SUPERVIŻORJI LI JITTIEĦDU MINNHOM?

Il-bidla fis-setgħat superviżorji mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-BĊE ġeneralment tista' tiġi antiċipata. L-awtorità li tintemmilha l-kompetenza għalhekk għandha tagħmel kull

³ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

sforz biex tagħlaq il-proċeduri kollha qabel id-data tal-bidla. Dik l-awtorità għandha l-obbligu wkoll li tgħarraf lill-awtorità li tkun se tiegħu f'idejha s-superviżjoni b'dawn il-proċeduri. Jekk proċedura tkun bdiet u ma tistax tingħalaq qabel dik il-bidla, l-awtorità li tkun bdiet dik il-proċedura tibqa' fil-kompetenza sakemm il-proċedura tingħalaq. Jekk l-awtorità li tintemmilha l-kompetenza tkun awtorità nazzjonali kompetenti, il-BĊE jista' jiddeċiedi wkoll li jieħu f'idejha il-proċedura partikolari.

Bla ħsara għall-eżerċizzju tas-setgħat konferiti lill-BĊE permezz tar-Regolament MSU, id-deċiżjonijiet superviżorji li jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti qabel l-4 ta' Novembru 2014 (e.g. awtorizzazzjoni biex jintuża mudell intern jew deċiżjoni li timponi rekwiżit tal-kapital iktar għoli) ma jiġux affettwati.

17 KIF SE JOPERA L-MSU F'DAWK L-ISTATI MEMBRI LI JIDĦLU F'KOOPERAZZJONI MILL-QRIB?

L-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jissieħbu fil-MSU billi jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-BĊE. L-abbozz ta' Regolament Qafas jistabbilixxi l-mod li bih se topera l-kooperazzjoni mill-qrib u kif se titmexxa s-superviżjoni bankarja f'dawk il-pajjiżi. Il-prinċipju ġenerali huwa li d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' Regolament Qafas se japplikaw ukoll fir-rigward ta' entitajiet sorveljati f'pajjiżi b'kooperazzjoni mill-qrib, filwaqt li jitqies li l-BĊE jista' ma jaġixxix direttament *vis-à-vis* l-entitajiet stabbiliti f'pajjiż b'kooperazzjoni mill-qrib billi l-BĊE ma jistax jeżerċita setgħat vinkolanti barra ż-żona tal-euro. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-BĊE jirċievi t-tagħrif u r-rappurtar kollu minn u fir-rigward ta' entitajiet importanti sorveljati. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jkunu obbligati wkoll jimxu fuq l-istruzzjonijiet tal-BĊE fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu importanti.

18 KIF SE JIKKOOPERERA L-BĊE MAL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA (ABE)? HEMM XI ĦAĠA DWAR DAN FL-ABBOZZ TA' QAFAS?

Il-BĊE se jwettaq il-kompiti tiegħu suġġett għal u f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji li tapplika għall-Istati Membri kollha. Se jkun suġġett ukoll għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) fil-manwal superviżorju Ewropew ikkompilat mill-ABE.

L-ABE hija fdata bl-iżvilupp tal-abbozzi ta' standards tekniċi kif ukoll bil-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet li jiżguraw konverġenza superviżorja u konsistenza fl-effetti superviżorji fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-BĊE se jagħti kontribut għall-iżvilupp tal-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji jew standards tekniċi implimentattivi tal-ABE.

L-abbozz tar-Regolament Qafas ma jittratta dawn ir-regoli materjali iżda jittratta biss ir-regoli proċedurali li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiżi parteċipanti fi ħdan il-MSU.